

## DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-5 ta' Mejju 2010

**dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2008**

(2010/527/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definitivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2008,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibet taċ-Ċentru (¹),
  - wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5827/2010 – C7-0061/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (³), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
  - li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (⁴), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Għustizzja u l-Intern (A7-0067/2010),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2008;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tīgħi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*

Jerzy BUZEK

*Is-Segretarju ġeneral*

Klaus WELLE

(¹) ĠU C 304, 15.12.2009, p. 148.

(²) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(³) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.

(⁴) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.